# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Data tal-Pubblikazzjoni: 12 ta' Novembru 2007**

**Suġġett: Informazzjoni dwar tagħrif lill-pubbliku u ħruġ ta'** ***kits*** **u settijiet ta' l-euro**

F'laqgħa li saret għall-*media* il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, Michael C. Bonello, llum ta dettalji rigward l-inizjattivi li ħa l-Bank Ċentrali ta' Malta rigward tagħrif dwar il-karti u l-muniti ta' l-euro lill-pubbliku u lill-setturi partikolari. Fl-istess laqgħa l-Gvernatur spjega kif u meta se jinħarġu għall-bejgħ id-diversi *kits* u settijiet bil-muniti ta' l-euro Maltin.

Il-Gvernatur semma d-diversi tipi ta' materjal viżiv li l-Bank Ċentrali ta' Malta, flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew ilhom xhur iħejju sabiex dan jitqassam lid-diversi setturi tas-soċjeta' u lill-pubbliku in ġenerali. B'mod partikolari għamel aċċenn għal fuljett informattiv li beda jitqassam mill-lum flimkien ma' *conversion cards* f'kull dar f'Malta u Għawdex permezz tas-servizzi postali. Intwerew ukoll *posters* li tqassmu fl-iskejjel, kunsilli lokali, banek, *day centres* u dipartimenti tal-Gvern, fost oħrajn. Materjal ieħor jikkonsisti f'fuljetti b'informazzjoni dwar il-karti u l-muniti ta' l-euro u l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħhom. Tħejja wkoll ktejjeb li jispjega dawn il-karatteristiċi għal min xogħolu hu fil-flus, liema ktejjeb tqassam lil tal-ħwienet mill-*euro assistants* ta' l-NECC. Ktejjeb ieħor sar speċifikament għal min iħarreġ sabiex dawn ikunu jistgħu jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà. Għal min hu nieqes mid-dawl tħejjiet kartolina li titkellem u li tispjega l-għamla tal-karti u l-muniti ta' l-euro. Il-Gvernatur spjega wkoll li se jintwerew sensiela ta' riklami fuq it-TV b'tagħrif dwar kif il-pubbliku jista' jagħraf jekk karti u muniti ta' l-euro humiex ġenwini jew le.

Rigward il-*kits* u s-settijiet tal-muniti ta' l-euro Maltin il-Gvernatur semma li hawn ħafna interess kemm minn Malta kif ukoll minn barra rigward dawn il-*kits* u s-settijiet. Hu spjega kif hemm tliet tipi ta' prodotti li kull wieħed minnhom għandu skop speċifiku u partikolari:

- Ir-*retailers' kit* għan-negozji li se jkun fih bi €131 f'muniti Maltin ta' l-euro li jinkiseb mill-banek mill-1 ta' Diċembru 2007 bil-prezz ta' Lm56.24 L-iskop ta' dan il-*kit* hu li n-negozji jkollhom ammont żgħir ta' muniti ta' l-euro biex ikunu jistgħu jagħtu l-bqija fl-1 ta' Jannar 2008.

- Il-*mini kit* għall-pubbliku li se jkun fih bi €11.65 f'muniti Maltin ta' l-euro li jinkiseb mill-banek mill-10 ta' Diċembru 2007 bil-prezz ta' Lm5. L-iskop ta' dan il-*kit* hu li l-pubbliku jkollu ammont żgħir ta' muniti ta' l-euro biex ikun jista' jiffamiljarizza ruħu bl-għamla u l-apparenza tagħhom u biex ikollu ftit muniti ta' l-euro sabiex jinqeda fl-1 ta' Jannar 2008.

- Is-sett uffiċjali bil-muniti Maltin ta' l-euro għall-kolletturi li se jkun għall-bejgħ mill-1 ta' Diċembru 2007 bil-prezz ta' Lm15.03 jew €35 mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

**L-ebda munita Maltija ta' l-euro ma hi valuta legali qabel l-1 ta' Jannar 2008 u huwa llegali li xi munita Maltija ta' l-euro tintuża fi transazzjonijiet kemm f'Malta jew barra minn Malta qabel din id-data.**